MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 521/1989/2

**David Curmi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Middle Sea Insurance Co Ltd kif surrogata fid-drittijiet ta' Emanuel Buttigieg  Ltd.**

**Vs**

**Godwin Abela u Alfred Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` The Cargo Handling Co Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta` Emanuel Buttigieg Ltd importat tmenin (80) *bales cotton towels* li waslu Malta permezz tal-vapur “Alma” fil-5 ta’ Mejju 1988 kif anke jirrizulta mill-polza tal-kariku (Dok. A);

Premess illi l-merkanzija fuq imsemmija, wara li giet skarikata minn fuq il-vapur, tqieghdet fil-kura u/jew kustodja u/jew pussess u/jew kontroll tas-socjeta` konvenuta;

Premess illi l-merkanzija giet ikkonsenjata b’diversi nuqqasijiet u bhala rizultat is-socjeta` Emanuel Buttigieg Ltd sofriet danni;

Premess illi s-socjeta` attrici, bhala assikuratrici tal-merkanzija hallset lis-socjeta` emanuel Buttigieg Ltd ghad-danni kollha sofferti s-somma ta’ hames mija u disgha u tmenin lira u disgha u tletin centezmu (Lm589.39) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta’ l-istess socjeta`, kif jirrizulta mill-ircevuta u surroga (Dok. B);

Premess illi mill-ammont fuq imsemmi s-socjeta` attrici irkuprat is-somma ta’ tlieta u erbghin lira (Lm43) u ghalhekk baqa’ l-bilanc ta’ hames mija u sitta u erbghin lira u disgha u tletin centezmu (Lm546.39);

Premess illi ghan-nuqqasijiet fuq imsemmija u d-danni sofferti bhala rizultat ta’ l-istess hija responsabbli s-socjeta` konvenuta minhabba inadempjenza u/jew negligenza;

Premess illi nonostante li s-socjeta` konvenuta giet mitluba biex taghmel tajjeb ghad-danni, hija baqghet inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti *nomine* responsabbli ghan-nuqqasijiet fuq imsemmija u d-danni sofferti bhala rizultat ta' l-istess;

2. Tillikwida d-danni sofferti li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti *nomine* fl-ammont ta' hames mija u sitta u erbghin lira u disgha u tletin centezmu (Lm546.39) jew ammont verjuri li joghgobha tillikwida din il-Qorti;

3. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* biex ihallsu lill-attur *nomine* bhala surrogat fid-drittijiet ta' Emanuel Buttigieg Ltd l-ammont hekk likwidat bhala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-konvenuti *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* illi permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi fl-ewwel lok ghandha tigi esebita l-polza ta' assikurazzjoni relattiva ghall-merkanzija *de quo*;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti *nomine* kkonsenjaw il-merkanzija u qdew il-funzjonijiet taghhom bid-diligenza kollha rikjesta minnhom mil-ligi;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tas-26 ta' Gunju 1989 li permezz tieghu gie nominat Dr. Tonio Grech bhala perit legali biex ifittex u jirrelata warali jiehu konjizzjoni tat-talbiet ta' l-attur u l-

eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti *nomine* illi permezz taghha huma eccepew:-

Illi din il-Qorti ma kienetx kompetenti *ratione valoris* biex tisma' dan il-kaz, stante li *prima facie* mill-provi jirrizulta li d-danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta` attrici kienu ferm anqas minn mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250);

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuti *nomine*;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit legali li tinsab a fol. 60 *et sequitur* tal-process u li minnu debitament konfermata fl-udjenza tal-21 ta' Frar 1997;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

F'din il-kawza, kif jidher car mit-termini tac-citazzjoni, is-socjeta` assiguratrici pprocediet kontra s-socjeta` konvenuta bhala kuntrattur portwali ghar-risarciment tad-danni minnha mhallsa lill-assigurat taghha, is-socjeta` importatrici Emmanuel Buttigieg Limited, konsistenti f'nuqqasijiet f'merkanzija importata fuq il-vapur "ALMA" fil-5 ta' Mejju 1988;

Is-socjeta` konvenuta opponiet ruhha ghat-talba attrici b'zewg eccezzjonjiet principali, u cioe`:-

I. L-inkompetenza *ratione valoris*, sollevata fi stadju ulterjuri tal-kors tal-kawza (fol. 40);

II. L-insostenibilita` u l-infondatezza fil-meritu tal-pretensjoni attrici ghad-danni fil-konfront taghha (fol. 10);

Ressqet ukoll eccezzjoni ohra, li effettivament m'ghandha xejn minn natura ta' eccezzjoni. Dan fis-sens li talbet l-esebizzjoni tal-polza ta' l-assigurazzjoni relattiva ghal merkanzija importata;

Wiehed jista' mill-ewwel jiddisponi minn din l-ahhar "eccezzjoni" b'semplici referenza ghal kopja tal-*Cover Note* esebita a fol. 146 tal-process u li tevidenzja l-ezistenza ta' l-assigurazzjoni riferibbilment ghall-merce importata. Dan apparti x-xiehda ta' Dr.Pierre Fenech (fol. 75) u ta' Joseph Pace (fol. 76) rapprezentanti tas-socjeta` attrici. Fuq kollox dik ta' Leonard Vella (fol. 78) f'isem is-socjeta` Trident Limited, liema socjeta` hi vestita b'awtorita` minghand is-socjeta` assiguratrici biex tippjazza r-riskju maghha fuq il-merce importata u b'hekk tghaqqad l-assigurazzjoni;

Dan stabbilit, huwa logiku li mbaghad il-Qorti tinvesti qabel xejn l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza in kwantu jekk din tirrizulta fondata kull indagini tal-meritu jkun ezercizzju futili;

Qabel xejn tinsorgi l-kwistjoni jekk is-socjeta` konvenuta setghetx tissolleva din l-eccezzjoni fl-istadju li nghatat, u wara li diga` kienu bdew jigu kompilati l-provi. Dan in vista ta' dak dettat fl-Artikolu 158(3) tal-Kapitolu 12 li a propositu jghid li fin-nota ta' l-eccezzjonijiet ghandu jkun fiha qabel kollox "dawk l-eccezzjonijiet li jitqiesu rinunzjati jekk ma jingibux fil-bidu tad-difiza". Mod iehor "*quando l'eccezione d'incompetenza non e` stata opposta in limine lites s'intende rinunziata*" (**Vol. XXIV P III p 1067**);

Naturalment il-Qorti ta' prim' istanza hi moghtija b'disposizzjoni espressa fil-Kapitolu 12 (Artikolu 774(b)) is-setgha li tissolleva hi stess *ex officio* eccezzjoni bhal din "minhabba l-valur tal-haga li tkun fil-kwistjoni";

Anke jekk taghmel dan pero` l-istess din l-ecccezzjoni ma hijiex sostenibbli;

Il-kompetenza tal-Qorti hi determinata mit-termini ta' l-azzjoni attrici. "Hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jidderterminaw il-kompetenza taghha ... L-eccezzjonijiet tal-konvenuti fil-meritu jistghu jkunu validi imma dawn bl-ebda mod ma jimpingu fuq il-kompetenza tal-Qorti Civili li tittrata l-kawza una volta hu stabbilit u mhux kontestat illi l-ammont komplessiv tad-danni li ghalihom skond l-attur il-konvenuti appellanti jew min minnhom jkunu ritenuti responsabbli jeccedu l-ammont tal-kompetenza tal-Qorti Civili tal-Magistrati. Dan dejjem jekk il-premessi ta' l-attur appellat jirrizultaw gustifikati" - "**Frankie Refalo *nomine* -vs- Jason Azzopardi et**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997;

Mir-riflessjoni dezunta minn din id-decizjoni jistghu jigu aggunti dawk tal-perit legali fuq dan il-punt, in kwantu dawn ukoll jirrendu l-eccezzjoni mqanqla bhala wahda insostenibbli fid-dritt u fil-fatt;

Dwar il-meritu jigi osservat mill-ewwel illi tezisti diskordanza bejn in-numru ta' balal ta' *cotton towels* kif *tallied* mill-agent tal-vapur u n-numru ta' l-istess merce kif *tallied* mill-impjegati tas-socjeta` konveuta, anke jekk, ad eccezzjoni ta' zewg *tally sheets*, it-*tallying* kien wiehed *joint*;

Issa huwa minnu illi kif ritenut f'numru ta' decizjonijiet il-proceduri tat-*tallying*, u aktar u aktar dik tal-*joint tallying*, fil-mument ta' l-iskarikar tal-merkanzija ghandu l-iskop importanti li jiccertifika *a tempo debito* l-istat tal-merkanzija meta tkun qeghda fl-istadju tat-trasport, hatt u konsenja minn parti ghall-ohra involuti fil-garr jew fid-depozitu taghha. ("**Joseph Gerada noe -vs- Godwin Abela et noe**", Appell, 19 ta' Gunju 2001);

Kien proprju ghalhekk li bosta drabi l-Qrati kienu jirrigettaw l-argoment avvanzat, l-aktar mis-socjeta` konvenuta, illi t-*tally sheets* ma kienux jimmeritaw tant

importanza ghax dawn kienu jsiru bl-ghaggla, b'mod superficjali u minghajr l-attenzjoni mehtiega. Argument bhal dan kien kull darba jigi rifjutat ghal motiv rikorrenti illi kien jinkombi fuq is-socjeta` konvenuta li tassikura li l-merkanzija, fil-mument li tigi konsenjata lilha, tkun sewwa certifikata fir-rigward tal-kondizzjoni taghha. Jekk dan ma kienx isir u/jew ma kienetx taghmlu hi setghet biss tinkolpa lilha nfisha ("**Leslie Causon noe -vs- Godwin Abela noe**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000);

Huwa minnu li t-*tally sheets* ma jammontawx ghal xi prova rribattibbli imma dawn jikkostitwixxu biss prova probatorja *juris tantum*, imma jibqa' l-fatt li l-forza probatorja hemm qeghda u mhux lecitu li wiehed jinvita lill-Qorti, f'nuqqas ta' prova appozita, biex tiskarta tali provi fuq il-pretest fuq accennat ta' l-ghaggla u ta' l-inattendibilita` taghhom ("**Formosa & Camilleri Ltd noe -vs- Sea Malta Company Limited et**", Appell, 12 ta' Gunju 2001; "**Dr. Simon Micallef Stafrace noe -vs- Godwin Abela et *nomine***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000);

Fil-kaz taht ezami t-*tally sheets* saru hekk kif il-merkanzija dahlet fit-tinda wara li l-kariku tnizzel minn abbord (Ara deposizzjoni ta' Joseph Borg, *tally clerk*, a fol. 84);

Jirrizulta wkoll li kien *joint tally*. B'danakollu tirrizulta wkoll, kif aktar 'il fuq rilevat, diskrepanza fin-numru ta' balal maghduda bejn it-*tally sheets* ta' l-agent tal-vapur (fol. 94 sa fol. 106) u dawk tas-socjeta` konvenuta (fol. 107 sa fol. 116). Dan ghaliex filwaqt fil-kaz tat-*tally sheets* ta’ l-agent tal-vapur jirrizulta li nhattu tmenin (80) balla korrispondenti ghan-numru stabbilit fuq il-polza tal-kariku (fol. 5), f'dawk tas-socjeta` konvenuta jinghad li gew ricevuti tlieta u sebghin (73) balla. Jirrizulta wkoll illi mhux it-*tally sheets* kollha gew kontrasenjati miz-zewg *tally clerks*, wiehed ghan-nom ta' l-agent tal-vapur u l-iehor fl-interess tas-socjeta` konvenuta;

Ghamel sewwa ghalhekk il-perit legali li fic-cirkostanzi ta' konflitt apparenti u ta' dubbju ma qaghadx ghal kollox fuq l-attendibilita` tat-*tally sheets* meta l-kontenut taghhom ma kienx jikkorrobora ghal dik li hi verifika pjena it-*tally sheets*

ta' naha ma' dawk tan-naha l-ohra. Kien logiku li dan il-fatt idghajjef l-kredibilita` taghhom. Allura in vista ta' din is-sitwazzjoni kien korrett il-perit legali meta strah l-aktar fuq l-attendibilita` tad-dokument tal-Kontrollur tad-Dwana (fol. 140) li kien jippreciza li fil-mument tar-rilaxx tal-merkanzija gew kostatati sebgha u sebghin (77) balla;

Minn dan in-numru ta' balal gew stabbiliti imbaghad in-nuqqasijiet. Fir-rigward ix-xiehda ta' Alfred Zammit (fol. 81 u fol. 83) u ta' Aldo Mifsud (fol. 82), ufficjali doganali. Ghal dik li hi responsabilita`, kwalifikazzjoni u likwidazzjoni tad-danni din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fir-relazzjoni tal-perit legali anke ghaliex il-konkluzjoni tieghu f'dan ir-rigward hi ben impostata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Ghalhekk ser tghaddi biex takkolji din l-istess konkluzjoni *in toto*.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tiddikjara li l-konvenuti *nomine* kienu responsabbli ghan-nuqqasijiet fil-merkanzija importata f'Malta mill-assigurat tas-socjeta` attrici u konsistenti fi tmenin (80) balla *cotton towels;*

Tilqa' it-Tieni Domanda u tillikwida d-danni subiti fl-ammont ta' tliet mija u tlettax-il lira Maltija u hmistax-il centezmu (Lm313.15,0) bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (19 ta' April 1989);

Tilqa' wkoll it-Tielet Domanda billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a kariku tas-socjeta` konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------